

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-462 SESSJONI PLENARJA FIT-28 U D-29 TA' APRIL 2010

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Insaħħu l-mudell agroalimentari Ewropew" (opinjoni esploratorja)

(2011/C 18/01)

Relatur: **Is-Sur ESPUNY MOYANO**

Korelatur: **is-Sur TRÍAS PINTO**

F'ittra tat-23 ta' Lulju 2009, u b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-Presidenza Spanjola tal-UE kkonsultat lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Insaħħu l-mudell agroalimentari Ewropew (Opinjoni esploratorja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-25 ta' Marzu 2010.

Matul l-462 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' April 2010 (sessjoni tat-28 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'124 vot favur, vot kontra u 3 astensjonijiet.

1. Il-mudell agroalimentari Komunitarju Illum

1.1 Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) mhijiex biss l-ewwel politika komuni fl-eqqel tal-kelma – żviluppata permezz tal-estensjoni reċenti tas-setgħat tagħha fit-Trattat tal-Lisbona – iżda hija wkoll mudell agroalimentari fiha nnifisha. Għalhekk għandha tkun tal-ikbar interess strateġiku għall-Ewropa u taqdi rwol attiv ta' influwenza fil-qafas internazzjonali.

1.2 Il-Politika Agrikola Komuni, li żammet l-oġġettivi tagħha mill-bidu nett kif ukoll fir-riformi suċċessivi tat-Trattati, f'dawn l-aħħar ħamsin sena adattat ruħha għall-bżonnijiet il-ġodda imposti mill-iżviluppi li saru: ir-riforma tal-istrumenti u s-sistemi ta' ġestjoni, il-baġits, it-talbiet tas-soċjetà u d-dħul fis-suq ta' pajjiżi terzi. Illum għandna mudell agroalimentari sostenibbli li huwa dejjem iktar ibbażat fuq l-għaqda ta' konsiderazzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali.

1.3 Tul dan il-proċess, il-mudell agroalimentari Ewropew kiseb b'mod progressiv l-oġġettivi essenzjali tiegħu: il-garanzija ta' provvista ta' ikel bnin u sikur lill-popolazzjoni, il-bini ta' sistema ekonomika agroalimentari mexxejja fid-dinja u l-offerta ta' produzzjoni varjata, ta' kwalità u apprezzata mill-konsumaturi.

2. Vantaġġi u żvantaġġi

2.1 Anke jekk il-valutazzjoni ġenerali hija waħda pożittiva, jidher biċ-ċar li jeħtieġ li jerġgħu jiġu kkunsidrati ċerti żviluppi u ċertu titjib tal-mudell, fosthom:

— il-bżonn ta' strumenti komuni li jindirizzaw il-volatilità tal-prezzijiet li tista' terġa' tiffaċċja fis-snin li ġejjin, bil-għan li jiġu evitati ġrajjet bħal dawk li sehew fl-2007 u l-2008;

- it-titjib tas-sistemi ta' speċifità agroalimentari – Ċertifikat ta' Oriġini Protetta, Indikazzjoni Ġeografika Protetta, Speċjalità Tradizzjonali Garantita – b'mod li jiġu ssemplifikati u razzjonalizzati l-kundizzjonijiet tagħhom, li jitqawwew ir-rekwiżiti tekniċi u li jissaħħaħ il-mudell, kif ukoll li tittejjeb il-protezzjoni ġusta ta' dawn il-prodotti fis-swieq esterni;
- il-garanzija ta' politika ta' promozzjoni ġenwina għall-prodotti agroalimentari Komunitarji, li tagħti valur miżjud Ewropew lir-rikkezza u l-varjetà tal-prodotti tagħna u li fuq kollox tgħaqqad kif jixraq il-promozzjoni tal-valuri tal-Ewropa mal-iżvilupp kummerċjali tal-prodotti tagħha;
- progress ibbażat fuq viżjoni strateġika tal-katina agroalimentari – il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċ – b'titjib tat-trasparenza tas-sistema u b'miżuri li jevitaw abbuż ta' pożizzjoni dominanti jew prattiki żleali li jbiddu l-funzjonament tagħha;
- it-titjib tal-informazzjoni mogħtija lill-konsumatur permezz ta' mudell komuni ta' tikketta, u t-fassil ta' sistema li tuża l-possibbiltajiet kollha tat-teknoloġiji l-ġodda tal-informazzjoni b'mod li l-għażla tal-konsumatur tkun l-iktar għażla infurmata possibbli.

3. Niffaċċjaw l-isfidi immedjati

3.1 L-Unjoni Ewropea dieħla ffażi ġdida b'istituzzjonijiet imġedda u Trattat ġdid. Ser ikollha tiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u twettaq bidliet kbar li jgħinuha tistabbilixxi ruħha fir-rwol mexxej tagħha, b'mod speċjali sabiex tinstab soluzzjoni għall-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali.

3.2 F'dan il-kuntest, is-sistema agroalimentari Komunitarja għandha r-rekwiżiti tagħha li għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċess ta' riflessjoni attwali li ser iwitti t-triq għall-Politika Agrikola Komuni l-ġdida ppjanata għall-2013. Uħud minn dawn ir-rekwiżiti huma msemmija f'dan id-dokument u ġew ippreżentati iktar fid-dettall f'opinjonijiet oħra tal-KESE ⁽¹⁾.

3.3 F'din l-opinjoni l-KESE jixtieq jidħol iktar fid-dettall fir-rigward tal-valuri tas-sostenibbiltà tal-mudell agroalimentari u jfisser l-importanza tagħhom. Billi dan huwa l-uniku mudell validu fuq perjodu twil, huwa importanti li jiġi applikat b'mod uniformi fis-suq Komunitarju, u li jiġi evitat li jiġi adottat biss mill-operaturi Ewropej. Jidher biċ-ċar li dan huwa l-uniku mudell sostenibbli li għandna.

4. Lejn mudell sikur, ibbilanċjat u ġust

4.1 Il-mudell agroalimentari Ewropew huwa bbażat fuq skema li tikkunsidra t-tliet aspetti tas-sostenibbiltà: l-aspett ekonomiku, ambjentali u soċjali.

4.2 F'dawn l-aħħar snin, b'mod speċjali fl-aħħar riforma tal-PAK, ġew inklużi dispożizzjonijiet leġislattivi wiesgħa f'oqsma importanti bħal dawn li ġejjin:

- it-tisħiħ tas-sigurtà alimentari u t-traċċjabilità;
- ir-regolazzjoni tal-produzzjoni ekoloġika, il-produzzjoni integrata, prattiki iktar ambjentali u l-protezzjoni tal-ambjent b'mod ġenerali;
- l-applikazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali, estiża għall-produzzjoni ġenerali;
- l-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet soċjali u l-protezzjoni tal-ħaddiema.

4.3 Il-KESE jemmen li dan il-mudell huwa fundamentali għaż-żamma tal-PAK fil-ġejjieni, u huwa l-muftieħ biex l-Ewropa tkompli tikkompeti f'dinja dejjem iktar globalizzata. Dawn il-valuri, maqlubin f'regoli u sforz favur ir-riċerka u l-produzzjoni agroalimentari, għandhom jippermettu lill-Unjoni Ewropea li tiffaċċja l-isfidi f'dinja li fiha, skont il-FAO, il-bżonnijiet ta' produzzjoni ta' ikel fid-dinja ser jirduppjaw.

4.4 Iżda t-tweqqi ta' dan il-mudell jeħtieġ sforzi importanti min-naħa tal-operaturi Komunitarji, kemm fil-produzzjoni kif ukoll fil-ipproċessar agrikolu. Għaldaqstant ma jidherx loġiku li fl-applikazzjoni prattika tiegħu jkun hemm difetti varji li jistgħu jxekklu l-eżistenza tiegħu stess.

4.5 L-ewwel difett jinsab fil-qasam tas-sigurtà alimentari u l-konformità tal-importazzjoni tal-ikel, l-għalf, l-annimali u l-pjanti mar-regoli Komunitarji. L-Ewropa tgħallmet mill-esperjenza l-bżonn li żżomm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-annimali u tal-pjanti, u dan wassal għall-impożizzjoni tar-regoli l-ġodda wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji tal-liġi alimentari Komunitarja. Madankollu l-leġiżlatur iffoka fuq ir-regolazzjoni tal-obbligi tal-operaturi Komunitarji u ma indirizzax l-obbligi għall-prodotti importati.

4.5.1 Illum-il-ġurnata, skont id-data tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, iktar minn terz tat-twissijiet alimentari rreġistrati fis-suq intern iseħħu barra mill-Unjoni Ewropea. Il-KESE jixtieq ifakkar fil-fatt li l-Unjoni Ewropea għandha l-obbligu li tiggarrantixxi s-sigurtà u s-saħħa tal-konsumaturi, kif ukoll l-applikazzjoni tal-istandards tal-prodotti kollha mqiegħda fis-suq, inklużi dawk importati.

4.6 It-tieni problema tal-produtturi u l-intraprendituri Komunitarji hija l-fatt li n-nuqqas ta' bilanċ fis-suq Komunitarju jxekkel il-kompetittività fir-rigward tal-prodotti importati.

⁽¹⁾ C 77 tal-31.3.2009, p. 81.

4.6.1 L-eżiġenzi tal-mudell tagħna stess jgħollu b'mod konsiderevoli l-ispejjeż ta' produzzjoni, li wħud minnhom mhumiex applikati għall-prodotti importati, li barra minn hekk f'ċerti każijiet jibbenefikaw minn tariffi mnaqqsa (?).

4.6.2 B'hekk, u skont ir-rapport LEI 2008-071 tal-Università ta' Wageningen, l-applikazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda dwar it-trattament xieraq tal-annimali għall-kundizzjonijiet ta' għajxien tat-tiġieġ li jbid, stabbiliti fid-Direttiva 99/74/KE, tirrappreżenta żieda ta' 8 sa 10 % tal-ispejjeż għal produttur Komunitarju medju, li jrid jikkompeti mal-prodotti importati mill-Brażil u l-Istati Uniti, li mhux biss ma japplikawx dawn ir-rekwiżiti ta' trattament xieraq tal-annimali, iżda li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom sistemi produttivi li l-istandards tagħhom huma ħafna aktar inferjuri għal dawk previsti mil-leġislazzjoni Komunitarja (produzzjoni intensiva, inqas restrizzjonijiet fuq l-użu tal-mediċini, l-ebda limiti fl-użu tal-GMOs fl-għalf tal-annimali, eċċ).

4.6.3 L-ispejjeż regolatorji għandhom effett simili. L-industrija Ewropea tal-għalf tal-bhejtem teħtieġ materja prima speċifika importata, billi l-produzzjoni Ewropea hija insuffiċjenti, iżda l-limiti stretti imposti mil-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-GMOs jikkomplicaw l-importazzjoni tal-prodotti essenzzjali għall-annimali bħaċ-ċereali, is-soja jew iż-żerriegħa b'kontenut kbir ta' proteina minn pajjiżi bħall-Brażil jew l-Arġentina. Dawn il-limitazzjonijiet jaffettwaw direttament il-produzzjoni u l-industrija tal-laħam Ewropej li jridu jiffaċċjaw żieda fl-ispejjeż li taffettwa l-kompetittività tagħhom kemm fis-suq Ewropew kif ukoll fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Madankollu dan ma jfissirx li l-KESE jaqbel mal-użu tal-OĠM.

4.6.4 Il-Kummissjoni Ewropea stess tagħraf dan il-fatt fir-rapport tad-DĠ AGRI dwar l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-GMOs, fejn hija tispeċifika li l-politika ta' "tolleranza zero" tista' twassal għal telf ta' EUR 200000 miljun għas-settur agroalimentari Ewropew. Barra minn hekk, il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fl-Ewropa mhuwiex qiegħed jitwettagħ fil-prattika, billi għadna qegħdin nimportaw laħam, ħalib u prodotti oħra minn bhejtem li trabbew b'ikel magħmul mill-annimali li jinkludi l-GMOs. Għaldaqstant, iridu jinħolqu l-kundizzjonijiet adatti biex tiġi żviluppata katina ta' produzzjoni li tqis l-aspettattivi tal-konsumaturi.

4.6.5 Problemi simili għal dawk imsemmija hawn fuq jitfaċċjaw f'oqsma oħra fejn l-ispejjeż regolatorji huma daqstant għoljin, pereżempju l-pestiċidi (limiti massimi tar-residwi u limitazzjonijiet ambjentali oħra), is-saħħa veġetali u l-identifikazzjoni tal-annimali.

4.7 Fl-aħħar, fid-dawl ta' ċerti konsiderazzjonijiet ta' natura politika, is-sitwazzjoni attwali mhijix sostenibbli. Mhuwiex loġiku li l-operaturi Ewropej ikunu ddiskriminati fis-suq naturali tagħhom stess fir-rigward ta' operaturi terzi.

(?) Il-KESE jfakkar li l-UE hija l-ewwel importatur dinji ta' prodotti agroalimentari, pożizzjoni li kisbet permezz ta' skemi doganali preferenzjali (Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPG), SPG+, u l-inizjattiva "kollox minbarra l-armi"), għall-prodotti kollha mill-pajjiżi inqas żviluppatti jew li qed jiżviluppaw.

5. Il-bżonn li tinstab soluzzjoni

5.1 Fil-fehma tal-KESE, l-Unjoni Ewropea għandha ssib soluzzjonijiet li jippermettu li tittejjeb l-applikazzjoni tal-mudell Komunitarju fis-suq intern, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetizzjoni ħielsa u r-regoli internazzjonali.

5.2 Is-soluzzjoni timplika li tittieħed azzjoni f'diversi oqsma, u f'ċerti każijiet dan ifisser applikazzjoni progressiva. Fost id-diversi miżuri possibbli, il-KESE jinnota dawn li ġejjin:

— *it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' aċċess*: il-kontroll tal-importazzjonijiet għandu jkun kapaċi jassigura li l-annimali u l-pjanti – b'mod speċjali dawk li għandhom jiġu integrati fil-katina tal-ikel – jidħlu fl-Unjoni b'mod sikur u li jikkonforma mal-istandards Ewropej. Barra minn hekk, huwa importanti li l-kontroll jiġi applikat fuq il-bażi ta' proċeduri armonizzati, sabiex il-prodotti kollha, indipendentement mill-punt ta' dħul tagħhom, joffru l-istess garanziji ta' sigurtà. Hija kwistjoni ta' reċiproċità mal-operaturi Ewropej;

— *it-titjib tal-approvazzjoni internazzjonali tal-mudell Ewropew*: jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tispjega u tippromovi l-aċċettazzjoni internazzjonali tal-mudell tagħha, ibbażat fuq il-valuri ta' sostenibbiltà promossi globalment mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti stess. Korpi bħad-WTO, il-FAO, il-CODEX Alimentarius Mundi, l-OIE, l-ILO, l-UNCTAD u oħrajn għandhom jiġu inklużi fl-isforz ta' promozzjoni. Bl-istess mod għandna nfitxu l-ogħla livell ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet possibbli fil-livell internazzjonali sabiex b'hekk nevitaw diskrepanza fil-ġestjoni;

— *it-titjib tas-sistema ta' rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi u tal-annimali flimkien ma' pajjiżi terzi*: l-Unjoni Ewropea għandha tinkludi fil-ftehimiet kummerċjali tagħha kapitolu speċifiku dwar ir-ikonoxximent reċiproku tas-sistemi fir-rigward tas-saħħa, il-pestiċidi u l-ikel, sabiex jinkisbu l-livelli adegwati ta' protezzjoni tas-saħħa fil-qafas stabbilit mid-WTO, bi qbil komuni;

— *it-titjib tal-assistenza teknika internazzjonali*: bil-promozzjoni ta' inizjattivi bħal "Better Training for Safer Food", li tappoġġja l-kollaborazzjoni teknika ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jesportaw jew li potenzjalment ser jesportaw lejn l-Ewropa, permezz tat-taħriġ ta' persunal tekniku, it-tfassil ta' regoli u standards, l-iskambju ta' persunal, eċċ.;

— *inċentivi kummerċjali*: l-UE tista' wkoll tanalizza l-possibbiltà li ttejjeb il-ġestjoni kummerċjali, finanzjarja u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jarmonizzaw is-sistemi tagħhom mal-mudell Komunitarju;

— *leġislazzjoni aħjar*: l-Ewropa m'għandhiex tieħu miżuri protezzjonisti li jillimitaw l-aċċess għas-swieq tagħha, iżda lanqas ma tista' tippermetti li l-mudell tagħha jiġi applikat bi ħsara għall-operaturi Komunitarji tagħha stess. Is-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni tista' wkoll tkun strument tassew utli biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

5.2.1 Parti mill-mudell tagħna huwa bbażat fuq il-“prodotti pubbliċi” li ċ-ċittadini u l-konsumaturi jaraw bħala neċessarji: il-kwalità bbażata fuq l-orijġini u l-metodi ta’ produzzjoni, il-ħarsien tal-bhejjem, il-prinċipju ta’ prekawzjoni jew protezzjoni tal-ambjent huma fost l-iktar kriterji importanti.

5.2.2 Il-politika Ewropea għandu jkollha strumenti li jimpe-dixxu d-delokalizzazzjoni tax-xogħol lejn żoni oħra, sabiex tkun tista’ tikkompeti bl-istess kundizzjonijiet u tippromovi l-appli-kazzjoni tar-regoli soċjoprofessjonali dwar ix-xogħol dinjituż li qegħdin nippromovu fis-suq intern. L-Unjoni Ewropea għandha wkoll taħdem mal-korpi internazzjonali rilevanti (b’mod speċjali

d-WTO) sabiex ir-regoli soċjoprofessjonali ⁽³⁾ fundamentali jiġu inklużi fost il-konsiderazzjonijiet non kummerċjali, billi l-kummerċ jista’ biss ikun tassew ħieles meta jkun ġust ukoll.

5.2.3 Għaldaqstant il-leġiżlatur għandu jagħti prijorità lill-ibbilanċjar mill-ġdid tas-sitwazzjoni attwali billi jadotta l-miżuri legali adegwati.

5.3 Il-KESE jitlob lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkunsidraw din l-opinjoni u jħeġġeġ lill-Presi-denza Spanjola tipproponi miżuri li jmorru f’din id-direzzjoni.

Brussell, 28 ta’ April 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

⁽³⁾ Konvenzjoni tal-ILO 87, 98, 105, 111, 135, 182; Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji Fundamentali u d-Drittijiet fuq ix-Xogħol; Dikjarazzjoni Tripartita tal-ILO dwar il-Kumpaniji Multinazzjonali u l-Politika Soċjali; Dikjarazzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol Sfurzat; Dikjarazzjoni tal-ILO dwar id-Diskriminazzjoni; Aġenda tal-ILO dwar ix-Xogħol Deċenti; Dikjarazzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol tat-Tfal; Prinċipji tal-OECD dwar il-Governanza Korporattiva; Linji Gwida tal-OECD dwar il-Kumpaniji Multinazzjonali; Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti.